

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motiv invokat

— It-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni globalment ma hijiex deskrittiva ta' karatteristika tas-servizzi kkonċernati. L-analiżi adottata mill-EUIPO tmur kontra t-termini tat-testi u l-ġurisprudenza applikabbli u s-sinjali ippreżentat huwa perfettament distintiv u għalhekk jista' jissodisfa l-funzjoni essenzjali ta' trade mark.

Rikors ippreżentat fis-26 ta' Novembru 2018 – Werner vs EUIPO – Merck (fLORAMED)

(Kawża T-695/18)

(2019/C 25/79)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Stefan Werner (Baldham, il-Ġermanja) (rappreżentant: T. Büttner, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Merck KGaA (Darmstadt, il-Ġermanja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrent

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark figurattiva tal-Unjoni fLORAMED – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 15 336 639

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-17 ta' Settembru 2018 fil-Każ R 197/2018-2

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata, kif ukoll id-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni tal-24 ta' Novembru 2017 li tiċħad l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' trade mark għall-prodotti kollha li għalihom saret l-applikazzjoni u li tilqa' l-oppożizzjoni tal-parti opponenti tas-7 ta' Ottubru 2016.

Motiv invokat

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fis-26 ta' Novembru 2018 – Aldi vs EUIPO – Titlbach (ALTISPORT)

(Kawża T-697/18)

(2019/C 25/80)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Aldi GmbH & Co. KG (Mülheim an der Ruhr, il-Ġermanja) (rappreżentanti: N. Lützenrath, U. Rademacher, C. Fürsen u M. Minkner, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Aleš Titlbach (Meziboří, ir-Repubblika Ċeka)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprietarju tat-trade mark kontenzjuża: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: ir-reġistrazzjoni internazzjonali tat-trade mark ALTISPORT li tindika l-Unjoni Ewropea – Reġistrazzjoni internazzjonali Nru 1 226 617 li tindika l-Unjoni Ewropea

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-19 ta' Settembru 2018 fil-Każ R 2683/2017-4

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ipprezentat fis-26 ta' Novembru 2018 – Kalypso Media Group vs EUIPO – Wizards of the Coast (DUNGEONS)

(Kawża T-700/18)

(2019/C 25/81)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Kalypso Media Group GmbH (Worms, il-Ġermanja) (rappreżentant: T. Boddien, Rechtsanwalt)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Wizards of the Coast LLC (Pawtucket, Rhode Island, l-Istati Uniti)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali "DUNGEONS" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 13 271 838

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-21 ta' Settembru 2018 fil-Każ R 599/2018-4